MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**

**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2014

Rikors Kongunt Numru. 242/2014

**A B**
**u**
**C B nee' G**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt, li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettew:

Illi l-partjiet izzewwgu fil-21 ta' April 1974 u dan kif jirrizulta wkoll mis-separazzjoni taghhom u minn dan iz-zwieg ma hemmx tfal taht it-23 sena;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati skont l-anness Dokument B li huwa separazzjoni bonarja u ilhom ghalhekk aktar minn erba' snin separati;

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi ilhom snin twal mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi m'hemm l-ebda manteniment dovut f'dan l-istadju stante li it-tfal huma maggorenni, filwaqt li l-manteniment ta' €35 fix-xahar dejjem thallas u jibqa' jithallas, kif ukoll il-kundizzjonijiet tas-separazzjoni jibqghu jorbtu;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant talbu li din il-Qorti joghgobha :

(1) Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet; u
(2) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bix-xoljiment taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-23 ta' Lulju 2014;

Rat l-affidavits bix-xhieda tal-partijiet;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mis-5 ta' Mejju 2006 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejniethom;

Illi ir-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------